



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 19.7.2011
SEG(2011) 947 finali

DOKUMENT TA' ĦIDMA MILL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

{KUMM(2011) 451 finali}
{SEG(2011) 948 finali}

DOKUMENT TA' ĦIDMA MILL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Dan id-dokument huwa sommarju eżekuttiv tar-Rapport ta' Valutazzjoni tal-Impatt dwar miżuri li jsaħħu l-effikaċja u l-effiċjenza tas-sistema tat-takografu li jakkumpanja r-reviżjoni li jmiss tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85.

1. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

- (1) Mill-1969, l-Unjoni Ewropea (UE) stabbilixxiet leġislazzjoni soċjali fil-qasam tat-trasport bit-triq biex ittejjeb is-sikurezza tat-toroq u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sewwieqa u biex tiżgura kompetizzjoni ġusta fost il-kumpaniji tat-trasport. Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006¹ jistipula l-ħin massimu tas-sewqan għal kull ġurnata u kull ġimgħa u l-perjodi ta' mistrieħ fil-ġimgħa għas-sewwieqa. L-UE żviluppat politika komprensiva dwar il-konformità tal-ispezzjonar u l-verifika mal-leġislazzjoni soċjali tat-trasport bit-triq permezz tad-Direttiva 2006/22/KE² u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85³ magħruf bħala r-'Regolament dwar it-Takografu'.
- (2) Ir-Regolament dwar it-Takografu jistipula standards tekniċi, jistabbilixxi r-regoli dwar l-użu, l-approvazzjoni tat-tip, l-installazzjoni u l-ispezzjoni tat-takografi. Għalhekk jintroduċi sensiela ta' obbligi legali għall-manifatturi, l-awtoritajiet, l-operaturi tat-trasport u s-sewwieqa. Għalissa, qed jintużaw żewġ tipi ta' apparat ta' reġistrazzjoni. Minbarra t-takografu diġitali introdott fil-vetturi rreġistrati wara l-

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1-13

² Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE ĠU L 102, 11.3.2006, p. 35-43.

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1266/2009 tat-16 ta' Diċembru 2009 li jadatta, għall-għaxar darba, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat tar-reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq għall-progress tekniku ĠU L 339, 22.12.2009, p. 3-23.

1 ta' Mejju 2006, it-takografu analogu ilu jintuża mill-1985 u għadu jintuża f'vetturi iktar antiki.

- (3) Abbażi tal-konsultazzjonijiet u r-rapporti tal-esperti li saru⁴, il-Kummissjoni identifikat żewġ problemi ewlenin li jeħtieġ li jkunu trattati fil-livell tal-UE.
- Skont id-dejta disponibbli, jirriżulta li parti sinifikanti tal-vetturi kkontrollati qed tikser ir-regoli soċjali. Bejn wiehded u ieħor, kwart minnhom instabu li b'mod partikolari qed jiksru r-regoli tat-takografu. Bħala medja, fi kwalunkwe ħin, 45 000 vettura jiksru r-regoli tal-UE dwar it-takografu. Dan in-nuqqas persistenti ta' konformità mal-obbligi ta' perjodi minimi ta' mistrieħ u konsegwentement l-għejja tas-sewwieqa, jista' jkun stmat li jipproduċi żieda fil-kost tas-soċjetà tal-aċċidenti ta' kważi EUR 2.8 biljuni. Huwa jagħti wkoll vantaġġ kompetittiv mhux dovut lil dawk li jiksru l-liġi, b'impatt negattiv fuq il-funzjonament tas-suq intern u jikkawża implikazzjonijiet serji għas-saħħa tas-sewwieqa.
 - Hemm lok għat-titjib tal-mod li bih it-takografu (diġitali) jiffaċilita x-xogħol tas-sewwieqa u jappoġġja l-effiċjenza tat-trasport. Għalkemm l-introduzzjoni tat-takografu diġitali diġà naqqset sostanzjalment il-piż amministrattiv ta' diversi partijiet ikkonċernati, il-kost tal-konformità, stmat li huwa madwar EUR 2.7 biljuni, għadu għoli wisq.
- (4) Dawn iż-żewġ problemi huma kkawżati minn vulnerabbiltà ġenerali tas-sistema tat-takografu għall-frodi; effikaċja baxxa tal-kontrolli u effetti dissważiv insuffiċjenti tas-sanzjonijiet; u fl-aħħar nett, l-użu tas-sistema tat-takografu mhix ottimizzata biżżejjed. Dawn il-kawżi huma dovuti għall-aspetti problematiċi elenkati fit-Tabella 1 li tidher hawn taħt.
- (5) Filwaqt li l-problemi identifikati primarjament jaffettwaw is-sewwieqa ta' vetturi kbar u kumpaniji li jużaw it-takografu, jintlaqtu wkoll l-Istati Membri u l-awtoritajiet ta' spezzjoni tagħhom, il-manifatturi tat-takografi u utenti oħra tat-triq.

Tabella 1 Tabella Sinottika ta' kawżi u aspetti problematiċi

⁴ Dawn jinkludu konsultazzjoni fil-Kumitat maħtur mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati (inkluża spezzjoni u organizzazzjonijiet tal-pulizija kif ukoll manifatturi); il-proġett SMART; ir-rapport taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka; il-konsultazzjoni mal-partijiet pubbliċi kkonċernati minn Diċembru 2009 sa Marzu 2010; il-konsultazzjoni tal-kumitat settorjali tad-djalogu soċjali dwar it-trasport bit-triq, u rapport indipendenti tal-esperti validat minn panel ta' esperti tal-organizzazzjonijiet rilevanti.

<i>Kawżi identifikati</i>	<i>Aspetti problematiċi</i>
<i>Kawża 1: Vulnerabbiltà tas-sistema tat-takografu</i>	Is-siġilli mhumiex indikaturi tajba tal-manipulazzjoni tat-takografu
	Vulnerabbiltajiet tat-teknoloġija ta' kriptaġġ
	Użu ħażin tal-kards tas-sewwieqa
	Sessjonijiet tax-xogħol frodulent jew negliġenti
<i>Kawża 2: Effikaċja baxxa tal-kontrolli u effett dissuażiv insuffiċjenti tas-sanzjonijiet</i>	Taħriġ mhux armonizzat tal-uffiċjali tal-infurzar
	L-iskop tad-dejta mit-takografu diġitali disponibbli għall-uffiċjali tal-infurzar
	Politika tas-sanzjonijiet
<i>Kawża 3: L-użu tas-sistema tat-takografu mhux ottimizzat biżżejjed.</i>	Dispożizzjonijiet inadegwati għar-Regolament dwar it-Takografu
	Limitazzjonijiet tekniċi tat-takografu diġitali
	Takografu ma jiffaċilitax biżżejjed ix-xogħol tas-sewwieqa

2. ANALIŻI TAS-SUSSIDJARJETÀ

- (6) Din il-valutazzjoni tal-impatt tittratta l-miżuri li jsaħħu l-effikaċja u l-effiċjenza tas-sistema tat-takografu użata biex tiżgura konformità mal-leġislazzjoni soċjali msemmija hawn fuq. Hija tfittex u tanalizza possibbiltajiet għar-reviżjoni tar-Regolament (KEE) Nru 3821/85 li huwa bbażat fuq l-Artikolu 71 tat-Trattat KEE (l-Artikolu 91 TFUE). Il-valur miżjud tal-UE kien stabbilit meta kien introdott dan ir-Regolament u l-argumenti li jsaħħu dan il-valur miżjud għadhom jgħoddu.
- (7) Dawn l-argumenti huma predikati fuq ir-realtà li dejjem tikber li t-trasport bit-triq fl-UE huwa ta' natura transnazzjonali. Dan minħabba l-kummerċ transkonfinali u t-tkabbir ekonomiku li qed jiżdiedu li parzjalment kienu ffaċilitati mit-tkabbir tal-UE u l-liberalizzazzjoni tal-industrija tal-ġarr tal-merkanzija fl-Ewropa. Il-leġislazzjoni soċjali hija armonizzata fil-livell tal-UE u l-verifika tal-konformità ma' din il-leġislazzjoni tirrikjedi apparat tar-reġistrazzjoni li għandu jkun interoperabbli bejn l-Istati Membri. Minħabba n-natura transnazzjonali dejjem tiżdied tal-ġarr tal-merkanzija bit-triq fl-UE u n-natura armonizzata tal-leġislazzjoni soċjali, mhuwiex mixtieq li jerġa' jintuża tagħmir tar-reġistrazzjoni regolat fil-livell nazzjonali – speċjalment minħabba li dan it-tip ta' regolament ilu jintuża fuq livell tal-UE għal dawn l-aħħar 25 sena.
- (8) Fir-rigward tas-sanzjonijiet, ir-rapport tal-Kummissjoni dwar penali⁵ wera d-diverġenzi bejn is-sanzjonijiet applikati mill-Istati Membri għal ksur tar-Regolament

⁵ COM(2009)225.

dwar it-Takografu. Il-manipulazzjoni tat-Takografi diġà hija kklassifikata mil-leġislazzjoni tal-UE bħala wieħed 'mill-iżjed ksur serju' mil-lista kumplessiva tal-ksur tar-regoli tal-ġarr tal-merkanzija bit-triq⁶. Iżda mingħajr l-inqas grad ta' armonizzazzjoni ta' effett ta' deterrent tas-sanzjonijiet imposti mill-Istati Membri, din il-klassifikazzjoni mhux neċessarjament twassal għal konformità stretta mar-regoli, minħabba li kumpaniji jirreaġixxu għal sanzjonijiet attwali u mhux għall-klassifikazzjoni tal-ksur.

3. OĖJETTIVI TAL-INIZJATTIVA TAL-UE

- (9) L-għanijiet ġenerali tal-leġislazzjoni soċjali tat-trasport bit-triq (ir-regoli dwar il-ħin tas-sewqan u l-perjodi ta' mistrieħ) huma li titjieb is-sikurezza tat-toroq u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sewwieqa u biex tkun żgurata kompetizzjoni ġusta bejn il-kumpaniji tat-trasport. Għalhekk, il-leġislazzjoni soċjali tat-trasport bit-triq hija element essenzjali tal-Politika Komuni dwar it-Trasport biex jintlaħqu l-għanijiet tat-Trattat bħat-titjib tas-sikurezza tat-trasport (l-Artikolu 91.1(c) TFUE⁷), il-progress soċjali (l-Artikolu TUE 3.3) u l-istabbiliment ta' suq intern (Artikolu 3.3 TUE⁸). Ir-Regolament dwar it-Takografu huwa l-għodda ewlenija għall-monitoraġġ u l-infurzar tal-konformità mal-leġislazzjoni soċjali dwar it-trasport bit-triq, u l-għan ġenerali tal-proposti li jakkumpanjaw din il-valutazzjoni tal-impatt inkluża l-kontribuzzjoni tal-għanijiet tat-Trattat imsemmija hawn fuq.
- (10) Fl-istess ħin, l-intenzjoni tal-Kummissjoni hija wkoll li tikkontribwixxi għall-għanijiet stipulati mill-Komunikazzjoni dwar Regolamentazzjoni aħjar għat-Tkabir u l-Impjiegi fl-Unjoni Ewropea⁹ u l-Istrateġija għas-simplifikazzjoni tal-ambjent regolatorju¹⁰. Din il-proposta għandha tikkontribwixxi wkoll għall-għan li 'jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-kumpaniji u titjieb il-kwalità tal-leġislazzjoni tan-negożju' stipulat fl-inizjattiva ewlenija Ewropa 2020 'Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni'¹¹.
- (11) Dan l-oġġettiv ġenerali jista' jkun tradott fl-oġġettivi speċifiċi li ġejjin: l-ewwel, li titjieb l-affidabbiltà tal-apparat tar-reġistrazzjoni; It-tieni, li tiżdied l-effiċjenza tal-kontrolli tal-konformità mal-leġislazzjoni soċjali tat-trasport bit-triq; it-tielet, li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-użu tal-apparat tar-reġistrazzjoni, parzjalment permezz tat-naqqis tal-piż amministrattiv relatat mal-użu tiegħu.
- (12) Qed tinġabar xi dejta fil-livell tal-UE dwar it-trasport bit-triq u li tista' tintuża għall-monitoraġġ tal-impatt tar-regolament propost dwar l-oġġettivi speċifiċi elenkati hawn

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE ĠU L300, 12.11.2009, p.51-71.

⁷ Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

⁸ Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

⁹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Regolamentazzjoni aħjar għat-Tkabir u għall-Impjiegi fl-Unjoni Ewropea, COM(2005) 97 finali

¹⁰ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, L-implimentazzjoni tal-programm ta' Liżbona tal-Komunità: Strateġija għas-simplifikazzjoni tal-ambjent regolatorju, COM(2005) 535 finali.

¹¹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Politika Industrijali Integrata għall-Era tal-Globalizzazzjoni Il-Kompetittività u s-Sostenibilità fix-Xena Prinċipali, COM(2010)614.

fuq¹². F'dan il-kuntest, l-oġġettivi operazzjonali li ġejjin intgħażlu għall-utilità tagħhom biex jindikaw il-livell ta' suċċess tal-oġġettivi speċifiċi:

- L-eliminazzjoni tal-iżjed ksur serju¹³ tar-regoli tat-takografu sal-2020 (immonitorjat mill-Kummissjoni abbażi tar-rapporti futuri mressqa mill-Istati Membri għar-rapport biannwali);
- L-irduppar sal-2020, tar-rata ta' individwazzjoni ta' ksur tal-leġislazzjoni soċjali għal kull vettura kkontrollata mal-ġenb tat-triq meta mqabbel mal-2008) mmonitorjat mill-Kummissjoni abbażi tar-rapporti futuri mill-Istati Membri għar-rapport biannwali);
- It-tnaqqis tal-piż amministrattiv relatat mal-użu tat-takografu diġitali b'20 % qabel l-2020 meta mqabbel mal-2010 (abbażi tal-istimi pprovduti mill-Grupp Stoiber u l-proġett tal-UE dwar miżuri ta' referenza u tnaqqis tal-ispejjeż amministrattivi¹⁴.

4. GĦAŻLIET TAL-POLITIKA

- (13) Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u r-rapporti tal-esperti dwar is-sugġett¹⁵, ippermettew lill-Kummissjoni tidentifika sett wiesa' ta' miżuri individwali li għandhom il-potenzjal li jindirizzaw il-problemi identifikati. Dan kien segwit minn skrinjar minn qabel ta' miżuri possibbli.
- (14) Minn dakinhar, kienu stabbiliti pakketti politiċi li jikkostitwixxu alternattivi politiċi vijabbli sabiex jintlaħqu l-oġġettivi. L-iffurmar ta' pakketti politiċi kien meħtieġ minħabba li, f'termini ta' sigurtà, l-affidabbiltà tas-sistema tiddependi fuq is-sigurtà ta' ħafna mill-elementi tagħha; u minħabba li kienu meħtieġa proċeduri leġislattivi differenti (komitoloġija vs kodeċizzjoni). Il-pakketti tal-politika jistgħu jkunu deskritti fil-qosor kif ġej:
- Il-Pakkett Politiku 1 (PP1) huwa pakkett tekniku li sempliċiment għandu l-għan li jtejjeb it-tagħmir takografu li jintuża bħalissa.
 - Il-Pakkett Politiku 2 (PP2) huwa wkoll pakkett ta' miżuri tekniċi, iżda li jwessgħa sostanzjalment il-funzjonalitajiet tat-takografu diġitali, u li jwassal għal tip ġdid ta' takografu diġitali.
 - Il-Pakkett Politiku 3 (PP3) jinkludi miżuri mhux tekniċi minbarra l-miżuri f'PP1.
 - Il-Pakkett Politiku 4 (PP4) huwa taħlita ta' miżuri tekniċi u miżuri li jtejjbu s-sistema (PP2+PP3).

¹² Cf: speċjalment statistika tal-Eurostat u ċ-ċifri tal-politika tal-UE dwar l-enerġija u t-trasport.

¹³ L-iżjed ksur serju huwa definit fl-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 1071/2009: '2. In-nuqqas ta' twaħħil ta' takografu u/jew tagħmir li jillimita l-veloċità jew l-użu ta' tagħmir frodulent li jkun kapaċi jimmodifika r-reġistrazzjonijiet tat-tagħmir ta' reġistrazzjoni u/jew tat-tagħmir li jillimita l-veloċità jew jiffalsifik l-folji ta' reġistrazzjoni jew tad-data trasferita mit-takografu u/jew tal-kard tax-xufier; (...) 6. Sewqan b'kard ta' xufier li ġiet iffalsifikata, jew b'kard li tagħha x-xufier m'huwiex id-detentur jew li ġiet akkwistata abbażi ta' dikjarazzjonijiet foloz u/jew dokumenti falsifikati.'

¹⁴ Cap Gemini, Proġett tal-UE dwar miżuri ta' referenza u tnaqqis tal-ispejjeż amministrattivi, 2009.

¹⁵ Ibid, nota ta' qiegħ il-paġna 4.

(15) It-Tabella 2 tagħti ħarsa ġenerali tal-miżuri politiċi inklużi f'kull pakkett politiku.

Tabella 2 Kontenut dettaljat tal-pakketti politiċi

	<i>Pakkett Politiku 1 (PP1)</i>	<i>Pakkett Politiku 2 (PP2)</i>	<i>Pakkett Politiku 3(PP3)</i>	<i>Pakkett Politiku 4(PP4)</i>
<i>Strument(i) legali</i>	Pjan direzzjonali għall-adattament ta' speċifikazzjonijiet tekniċi	Pjan direzzjonali għall-adattament ta' speċifikazzjonijiet tekniċi Reviżjoni tar- Regolament 3821/85 sabiex jiġdiedu rekwiżiti funzjonali għodda	Reviżjoni tar- Regolament 3821/85 biex jiġdiedu biss regoli għodda dwar l- użu u l-ispezzjoni ta' takografi	Pjan direzzjonali għall-adattament ta' speċifikazzjonijiet tekniċi Reviżjoni tar- Regolament 3821/85
<i>Kontenut tal-Pakketti Politiċi</i>	Teknoloġija ta' kriptaġġ Siġilli Interfaċċa mal-utenti	PP1+ Funzjonijiet tat- takografu (reġistrazzjoni awtomatika u manwali) Komunikazzjoni mingħajr wajers għall- kontrolli mal-ġenb tat- triq Interfaċċa ma' applikazzjonijiet ITS oħra	PP1+ Sessjonijiet ta' ħidma Kards tas-sewwieqa Sanzjonijiet Taħriġ tal-uffiċjali ta' kontroll; Regoli dwar użu	PP2 + PP3

5. ANALIŻI TAL-IMPATTI

(16) It-tabella 3 tiddekrivi fil-qosor il-valutazzjoni tal-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali

Tabella 3 Tabella sommarju tal-impatti

<i>Impatti</i>				
	<i>Pakkett Politiku 1:</i>	<i>Pakkett Politiku 2:</i>	<i>Pakkett Politiku 3:</i>	<i>Pakkett Politiku 4:</i>
Konformità soċjali	mal-leġislazzjoni	Titjib żgħir u mdewwem limitat għall-frodi tat-takografu (kwart (1/4) tar-reati kollha tal-leġislazzjoni soċjali)	Impatt ta' PP1 + titjib b'potenzjal kbir Inċertezza kbira fir-rigward tal-iskala tar-riżultati (kompromessi mal-implikazzjonijiet tal-baġit)	Impatt ta' PP1 + titjib b'potenzjal kbir Inqas inċertezza tar-riżultati milli għall-PP2 u PP3 (kompromessi kbar mal-implikazzjonijiet baġitarji)
Impatti ekonomiċi				
Funzjonament tas-Suq Intern u l-kompetizzjoni	Titjib żgħir u mdewwem limitat għall-frodi tat-takografu (kwart tar-reati kollha tal-leġislazzjoni soċjali)	L-istess valutazzjoni fir-rigward tal-konformità mal-leġislazzjoni soċjali		
Kompetittività	Pożittiv għall-manifatturi tat-takografu	Pożittiv ħafna għall-manifatturi tat-takografu	Pożittiv għall-manifatturi tat-takografu Inċert għas-sessjonijiet tax-xogħol Pożittiv għal impriżi li t-trasport mhux l-attività prinċipali tagħhom	Pożittiv ħafna għall-manifatturi tat-takografu Inċert għas-sessjonijiet tax-xogħol Pożittiv għal impriżi li t-trasport mhux l-attività prinċipali tagħhom
Piż amministrattiv u l-SMEs	Negliġibbli	EUR 383.5 miljuni	EUR 142 miljun	EUR 515.5 miljun
L-impatti baġitarji fuq l-awtoritajiet pubbliċi	Impatti żgħar minuri fil-livell tal-UE	Impatt tal-PP1 + Potenzjalment negattiv (sa EUR 7 500 000) fil-livell nazzjonali iżda jiddependi fuq l-għażliet tal-Istati Membri	Impatt tal-PP1 + Potenzjalment kbir negattiv (sa EUR 7 500 000) fil-livell nazzjonali iżda jiddependi fuq l-	Impatt tal-PP1 + Potenzjalment kbir negattiv (sa EUR 7 500 000) fil-livell nazzjonali iżda jiddependi fuq l-

	(kompromessi ma' impatti oħra)	għażliet tal-Istati Membri (kompromessi ma' impatti oħra)	għażliet tal-Istati Membri (kompromessi ma' impatti oħra)
		Effett żgħir	pożittiv tas-sanzjonijiet
L-impatti soċjali			
Kundizzjonijiet tax-xogħol, is-saħħa u t-tip ta' ħajja tas-sewwieqa	Pożittiv iżda mdewwem minħabba li t-tagħmir sar iktar faċli biex jintuża.	L-istess valutazzjoni fir-rigward tal-konformità mal-leġiżlazzjoni soċjali	
Is-sikurezza fit-toroq	Pożittiva iżda ila biex issir minħabba aċċess iktar faċli waqt is-sewqan	L-istess valutazzjoni fir-rigward tal-konformità mal-leġiżlazzjoni soċjali	
Kriminalità u sigurtà	Impatt minuri	Impatt pożittiv żgħir bis-saħħa ta' penali iktar xierqa	
Drittijiet fundamentali	Ebda impatt	Impatt negattiv marġinali fuq il-libertà biex ikun hemm negozju	
Impatti ambjentali	Marġinali pożittiv		
L-impatt fuq reġjuni speċifiċi	Impatt ikbar tal-miżuri kollha għall-impriżi mill-Istati Membri ma' salarji għoljin (UE-15), sehem ikbar ta' nies jaħdmu għal rashom		
	Impatt ikbar għall-Istati Membri li għandhom settur kbir tat-trasport jew sehem qawwi fl-impriżi tat-trasport fl-ekonomija (il-Ġermanja, il-Polonja, Spanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Rumanija, il-Litwanja, ir-Repubblika Ċeka)		
		Impatti ikbar ta' sanzjonijiet iktar xierqa fl-Istati Membri li llum għandhom sanzjonijiet inqas severi	
Pajjiżi terzi	Impatti simili iżda li ilhom biex isiru fuq il-pajjiżi AETR		

6. PARAGUN TAL-PAKKETTI POLITIĊI

- (17) Kif jidher fit-Tabella 4 hawn taħt, jirriżulta li mill-perspettiva tal-effikaċja, il-PP4 huwa l-iktar attraenti minħabba li joffri l-ogħla livell potenzjali ta' suċċess taż-żewġ għanijiet speċifiċi Madankollu, l-analiżi tal-koerenza turi li PP4 tippreżenta wkoll l-ogħla kumpens bejn impatti ekonomiċi u soċjali pożittivi min-naħa waħda u impatti baġitarji mill-awtoritajiet pubbliċi min-naħa l-oħra. F'termini ta' koerenza, il-PP1 qiegħed fl-ewwel post. Fl-aħħar nett, il-PP4 huwa wkoll l-iktar wieħed li jiswa flus f'termini ta' investiment meħtieġ, filwaqt li PP1 huwa l-irħas u l-iktar faċli biex jiġi implimentat, minħabba li jista' jkun adottat mingħajr ma jgħaddi mill-proċedura leġiżlattiva normali.

Tabella 4 Paragun tal-Għażliet Politiċi

	<i>Effikaċja ppiżata</i>	<i>Effiċjenza</i>	<i>Koerenza</i>
<i>PP0</i>	-	-	-
<i>PP1</i>	<i>Pjuttost baxxa</i>	<i>L-ebda spiża</i>	<i>Għolja</i>
<i>PP2</i>	<i>Medja</i>	<i>EUR 7.5 miljuni</i>	<i>Kompromessi:</i>
<i>PP3</i>	<i>Medja</i>	<i>EUR 39 miljun</i>	<i>Kompromessi:</i>
<i>PP4</i>	<i>Għolja</i>	<i>EUR 46.5 miljun</i>	<i>L-ogħla kompromessi:</i>

- (18) Jekk ikunu kkunsidrati dawn l-aspetti kollha, u fin-nuqqas ta' analiżi sħiħa tal-ispejjeż/benefiċċju, l-effetti pożittivi tal-PP4 jidhru li huma ħafna ikbar mill-ispejjeż. Tabilħaqq, it-tnaqqis potenzjali tal-piż amministrattiv tal-PP4 waħdu huwa ta' EUR 515.5 miljun, ħafna iktar mill-ispejjeż totali tal-implimentazzjoni sħiħa tiegħu. Għalhekk l-analiżi mwettqa tissuġġerixxi li l-Pakkett Politiku 4 għandu jkun l-għażla preferuta.

7. IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI

- (19) Il-Kummissjoni se timmonitorja sett ta' indikaturi kif jidher fit-Tabella 5

Table 1 Monitoring indicators

<i>Obiettivi operazzjonali</i>	<i>Monitoraġġ</i>
<i>L-eliminazzjoni tal-'iżjed ksur serju' tar-regoli dwar it-takografu sal-2020</i>	Il-monitoraġġ se jsir permezz tal-informazzjoni li għandhom jikkomunikaw l-Istati Membri lill-Kummissjoni kull sentejn skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 561/2006
L-irduppar sal-2020 tar-rata ta' individwazzjoni ta' ksur tal-leġislazzjoni soċjali għal kull vettura kkontrollata mal-ġenb tat-triq meta mqabbel mal-2008	Il-monitoraġġ se jsir permezz tal-informazzjoni li għandhom jikkomunikaw l-Istati Membri lill-Kummissjoni kull sentejn skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 561/2006
<i>It-tnaqqis tal-piż amministrattiv relatat mal-użu tat-takografu diġitali b'20 % qabel l-2020 meta mqabbel mal-2010</i>	<i>L-użu ta' aġġornamenti tekniċi tal-apparat tat-takografu se jkun immonitorjat permezz ta' diskussjonijiet mal-partijiet interessati u abbażi tal-istimi pprovduti mill-Grupp Stoiber u l-proġett tal-UE dwar miżuri ta' referenza u tnaqqis tal-ispejjeż amministrattivi.</i>